# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-15-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2015 fil-5.00 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech (5.25p.m.) |
| | Mark Azzopardi |
| **Ambaxxatur Żagħżugħ** | Owen Muscat |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |

**15/01** **Talba**

**15/01/01** Il-laqgħa bdiet fil-5.00 p.m. billi ntqalet it-talba.

**15/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 14**

**15/02/01** Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil paragrafu 14/05/04/03 għandha tiżdied wara l-kelma "din", "wara li jiġi vverifikat li l-post huwa pubbliku".

**15/02/02** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati dawn il-Minuti b'din il-korrezzjoni.

**15/03** **Punti mtella' mill-Minuti 14**

**15/03/01** **Para 14/03/01:** Il-Kunsill innota li x-xogħol fuq il-bankina fi Triq Mons L. Catania tlesta.

**15/03/02** **Para 14/03/02:** Kien hemm diskussjoni fuq l-BOQ ta' Ġnien Żagħruna li għamel l-Perit tal-Kunsill. Għandha tiżdied f'din il-BOQ l-installazzjoni ta' fence gdid. Il-Kunsill talab li jiġi ippreparat disinn tal-gnien kif ser ikun propost lill-MEPA. Detallji tal-materjal ghadhom mistennija ukoll minghand il-Perit. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li saret applikazzjoni mal-*Catch the Drop Campaign tal-HSBC* biex isir bir akbar f'dan il-ġnien.

**15/03/03** **Para 14/03/03:** Ir-rapport minghand il-Perit dwar il-problema ta' *pooling* fi Triq Żagħruna kantuniera ma' Triq l-Indipendenza ghadu ma wasalx ghalkemm is-sindku kien spjega il-problema lill-perit tal-kunsill u ank saret site visit mieghu.

**15/03/04** **Para 14/03/04:** Il-Kunsill ġie nfurmat li kien sar ix-xogħol biex jinfetaħ il-kulvert żgħir fi sqaq viċin il-Ġebla l-Kbira.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**15/03/05** **Para 14/03/05:** Ġiet innutata li saret il-*Junction Box* fil-Bypass ta' Birguma. Is-Segreatarju ezekkuttiv flimkien mas-Sindku qed jitkellem dwar il-kont mal-kuntrattur peress li dan hu meqjuz wiehed gholi.

**15/03/06** **Para 14/03/06:** Il-Kunsill ġie nfurmat li saret l-laqgħa ma' TM fuq il-post rigward Triq San Ġwann. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku u s-Sur Christopher Fenech. F'din il-laqgha raprezentant ta' TM kien issugerixxi li flok double yellow line jigi single yellow line fil-parti ta' fejn ic-cimiterju. Barra minnhekk issugerixxa li f'parti iktar l-isfel ta' Triq San Gwann tintlaqa t-talba ghal bollards, ga la darba r-residenti jkunu jridu li dawn isiru u TM tohrog il-permess mehtieg. Rigward dawn ir-rikomandazzjonijiet il-kunsill hass il-htiega li jidiskuti iktar il-quddiem.

**15/03/07** **Para 14/03/07**: L-istima sabiex isir xi patching bil-konkos fi Sqaq il-Hofra ghadha ma wasiltx minn naha tad-dipartiment tax-xogholijiet.

Is-Sur Carl Grech daħal għal-laqgħa fil-5.25pm

**15/03/08** **Para 14/03/08:** Is-Sindku informa li l-istima minghand il-Perit sabiex isir resurfacing ta' parti minn Triq Caravaggio kien waslet. Dan kien jinkulu ukoll il-bini tal-bankini kif ukoll estenda sew ix-xoghol ghal go Triq 31 ta' Marzu. Il-Perit ghandu jintalab jirrevedi din l-istima.

**15/03/09** **Para 14/03/09:** Kien hemm diskussjoni rigward il-vent li twaħħal ma' fanal Triq Mons Luigi Catania. Il-Kunsill innota li bhala soluzzjoni temporanja din is-sistema tista tkompli tintuza fuq fanali li jkunu fil-periklu li jaqghu pero mhix soluzzjoni permanenti.

**15/03/10** **Para 14/06/07:** Il-Kunsill innota li wara komunikazzjoni mal-ministeru koncernat, tneħħa l-periklu li kien hemm fi Triq Santa Katerina f'bini tal-Gvern.

**15/03/11** **Para 14/07/01:** Ġiet innutata li l-applikazzjoni għall-bozza ġdida fi Triq Ta' Zagħruna għadha pendenti.

**15/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**15/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Ġie deċiż li l-pagamenti Numru 20 u 24 jiġu mwaqqfa u vverifikati. Il-Kunsill innota li ghal diversi xhur kienu inxtraw oġġetti jew mill-haddiema tal-Kunsill jew minn haddiema tad-Dipartiment tad-Distretti minghajr ma kienet harget *purchase order* mill-Kunsill u ghalhekk hu diffiċli li issa jiġi ikkonfermat li l-materjal kollha verament intuża fuq xogholijiet tal-Kunsill. Ma hemmx l-identita' ta' ċerti firem fuq il-kont imsemmi taht Numru 24. L-Agent S.E. sabiex jinvestika u jinforma lill-Kunsill kif ukoll biex jiżgura li immedjatament dan il-process jitranġa u jkun skont kif titlob il-ligi. Gie ukoll inutat mis-Sindku li kontijiet ghandhom jinhargu iktar spissi u mhux jithallew xhur jghaddu.

Rigward Pagament Numru 40 lill-Kunsillier Carl Grech il-Kunsill innota li ghandha tinbidel is-sistema ta kif qed jinxtraw l-affarijiet ghas-Sotto Kumitat u ghandha tinhareg *invoice* direttament lill-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti l-oħra. Kien hemm qbil unamimu ukoll fuq il-lista tal-Petty cash però ghal darba ohra l-Kunsill ġibed l-attenzjoni tal-Agent S.E. sabiex pagamenti lill-istess fornitur ma jiġux grouped flimkien sabiex jintwera bic-car li ma sarx xiri ta' aktar minn €23. Rigward ix-xiri ta' petrol il-Kunsillier Christopher Fenech spjega li dan il-petrol qed jintuża mill-gardinar ghall-mutur li jaqta l-haxix.

**15/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**15/05/01** 18115059239173 Talba biex isir double yellow line fi Triq Għar San Brincat fid-dawra l-isfel mill-Għar. Wara diskussjoni ġie unanimament deċiż li din ma ssirx.

**15/05/02** Is-Sur Giljan Aquilina ppropona biex:

**05/02/01** Isir *double yellow line* fi Triq San Nikola minn hdejn il-gate tal-gnien l-isfel lejn il-kantuniera ma' Triq San Ġwann. Gie mitlub hekk peress li kienu qedghin jizidiedu il-kasi fejn bilkemm jithalla access bl-ipparkjar bl-addocc. Kien hemm qbil fuq dan.

**05/02/02** Jitneħħew bollards li saru bla permess fuq bankina fi Triq Dimitri Farrugia. Kien hemm qbil fuq dan.

**05/02/03** Isir marka "Slow" fi Triq l-Kbira. Kien hemm qbil fuq dan.

**14/06** ***Korrispondenza***

**14/06/01** Ġiet innutata l-*Expression of Interest* sottomessa mill-GreenMT għall-ġbir ta' skart reċikabbli kif ukoll korrispondensa mill-GreenMT rigward pagamenti pendenti lejn il-Kunsill. Għandha ssir laqgħa mas-Sur Joe Attard fuq dawn.

**14/06/02** Ġiet innutata Memo 34/2015 rigward kuntratti dwar Latrini Pubbliċi.

**14/06/03** Kien hemm diskussjoni rigward l-istima tal-Perit tal-Kunsill għall-bir fi Ġnien Żagħruna u r-*resurfacing* ta' parti minn Triq Caravaggio. Il-Kunsill hu tal-opinjoni li l-istima tal bir hija eċċessiva. Rigward ir-*resurfacing* ta' Triq Caravaggio, ġie deċiż li din issir biss minn Triq 31 ta' Marzu sa Triq il-Gnien u ma jsiru l-ebda bankini. Rigward Triq Fra Dumink Mifsud, ġie kkonfermat li mhux ser isiru l-bankini però ser isir ftit aktar resurfacing li jeztendi ghal fejn ir-*roundabout* u Triq Naxxar.

Il-Perit tal-Kunsill kien ipprepara ukoll survey biex titwessa Triq il-Gnien fuq talba tal-Kunsill. Gie innutat li dan kien jirrakkomanda li it-twessigh jibda gradwalment minn Triq Ghaxqet l-Ghajn u jibqa sejjer jimxi mal-ghelieqi kollha fi Triq il-Gnien sakemm tkun ghaddiet il-parti d-dejqa ta hdejn il-Palazz tal-Kmand. Il-Kunsill ma qabilx li ghandha tittiehed daqshekk art u ghandu jsir twessigh biss tal-parti fejn jehel it-traffiku. Il-Perit ghandu jintalab jirrevedi dawn il-pjanti. Il-Vici Sindku innota li twessigh ta' toroq u l-esproppjazzjoni tal-artijiet huma responsabbilta' tal-Gvern Centrali u mhux tal-Kunsill Lokali u kif ghamilna kemm il-darba fil-passat ghandna nkomplu ninsistu mal-Gvern sabiex jiehdu hsieb dawn is-surveys flok inkomplu nehlu hafna spejjez ahna bhala Kunsill.

**14/06/04** Il-Kunsill innota korrispondenza mill-MEPA.

**14/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**14/07/01** Is-Sur Giljan Aquilina ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill:

**07/01/01** Il-*boundary wall* mingharj permess mibni fit-Triq 31 ta' Marzu. Għandha ssir laqgħa ma dan il-kuntrattur u ninsistu li jsir permess kif suppost.

**07/03/02** Kien hemm diskussjoni fuq il-Premju Voluntier tas-Sena Għargħur . Kien hemm qbil li s-Sur Nazzarenu Gauci jiġi propost. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**07/04/03** Saret il-Laqgha mas-Segretarju Parlamentari Michael Falzon. Ghal din il-laqgha attendew is-Sindku Giljan Aquilina u s-Sur Christopher Fenech Hu kkonferma, li l-Gvern issa m'għandux intenzjoni li jieħu s-Searchlight Battery mill-Kunsill.

**14/07/05** Is-Sur Christopher Fenech tkellem fuq l-attività tal-Ħadd fejn għandu jattendi s-Sur Edgar Preca. Hu rringrazza lis-staff tal-Kunsill għall-ħidma tagħhom għal din l-attività.

**14/08** **Aġġornament**

**14/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.00 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar t-Tnejn, 11 ta' Jannar 2016 fis-6.00 p.m.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

| Giljan Aquilina | Kurt Guillaumier |
|---|---|
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |